MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 25/2015

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Karl-Jos Dimech (KI. 155894M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' disa' mija u tlieta u erbghin Ewro u ssebgha u disghin centezmu (€943.97c), rapprezentanti l-ammont dovut lis-Socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok VF1'.

Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-ittra ufficjali bin-numru 1575/14, intavolata fl-ismijiet fuq premessi a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimat illi hu, minn issa, ingunt ghas-Subizzjoni tieghu.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma prezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Dr Andre` Portelli u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u tlieta u erbghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€943.97c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------